# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sitta u għoxrin (26) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

3. **Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi t-triq tal-Karwija ma tistax tinfetaħ qabel ma jaslu t-tabelli u qabel ma jkun hemm dawl fit-triq. Qal ukoll illi għandhom jitwaħħlu t-tabelli l-ġurnata wara din is-seduta. Ġimagħtejn wara l-ftugħ tat-triq se jitpoġġa ż-żebgħa li tixgħel fit-triq. [Ref: punt nru. 3.2 ta seduta numru 25].

3.2 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi warden waqaf resident li kien tiela minn triq San Pawl u kien se jagħti multa avolja t-triq issa nfetħet għal two-way. Ix-xufier kellu jfakkar il-warden illi t-triq issa sar two-way.

3.3 Il-kunsilliera, wara proposta mill-Viċi Sindku Publius Abdilla, qablu illi jkun hemm basketball

rings fl-iskola [Ref: punt nru. 6.7 tal-laqgħa preċedenti]. Il-kunsilliera qablu wkoll li dawn ir-rings ikunu mwaħħlin, biex ma jkunux ta' periklu għat-tfal.

3.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill tal-Imqabba se jiddiskuti l-każ tal-iskamel fil-laqgħa tagħhom fis-6 ta' Diċembru [Ref: punt nru. 7.1 tal-laqgħa preċedenti]

3.5 Is-Sindku qal illi għandna nagħtu r-raġunijiet għalfejn il-Kunsill jixtieq isemmi t-triq il-ġdida [tal-Karwija] wara persuna partikulari. Fil-laqgħa preċedenti s-Sindku qal illi se jiproponi li nsemmu t-triq għal Carmelo Caruana għax-xogħol kollu li għamel għar-raħal u għal dawn in-naħat. [Ref: punt nru. 10.1 tal-laqgħa preċedenti].

3.6 Il-Viċi Sindku qal illi fil-passat kien qam il-każ tar-radar. Dak in-nhar il-kunsielliera kienu talbu biex inkunu nformati fuq x'effetti jistgħu jkun hemm fuq ir-residenti tar-raħal. Il-kunsilliera qablu wkoll li niktbu lid-Dipartiment tas-Saħħa biex huma jgħidulna, bil-miktub, x'effetti ħżiena jistgħu jkun hemm għas-saħħa tan-nies. Il-kunsillier Francis Callus qal ukoll illi għandna niktbu lill-Wireless and telegraphy biex jagħtuna tagħrif dwar l-ispeċifikazzjonijiet u jekk hemmx effetti negativi. [Ref: punt nru. 10.3 tal-laqgħa preċedenti]

3.7 Il-kunsilliera ddiskutew punt nru. 10.4 tas-seduta nru.25 fejn il-kunsillier Eddie Bonello qal illi kellu talba biex tiġi rranġata triq il-Puniċi. Il-kunsillier Francis Callus qal illi jekk nagħmlu t-tarmak bil-Hot Asphalt, fit-triq jibqa' jżomm l-ilma [fejn bħalissa t-triq 'tixrob' l-ilma] u jkollna problemi. Is-Sindku se jara x'jista jsir.

**4. Korrespondenza**

4.1 L-MRRA jixtiequ jsibu rħula li jixtiequ jkollhom ftit siġar. Il-Viċi Sindku ppropona li nagħmlu ftit minn dawn is-siġar fl-area tal-Ħlantun. Peress illi qed isir proġett hemmhekk, il-kunsilliera qablu illi nikonsultaw ma dawk illi qegħdin jieħdu ħsieb il-proġett fil-misraħ tal-Ħlantun biex nagħmlu s-siġar f'dawk in-naħat.

4.2 Transport Malta approvaw Reserved Parking f'triq l-Iskola, jekk dan jiġi approvat mill-Kunsill. Ma kien hemm ebda oġġezzjoni.

4.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħatna tlett applikazzjonijiet għal proġetti taħt Measure 125 lill-Gal Xlokk. Dawn il-proġetti huma għat-toroq "il-Ħlantun", "Ta' Ġawħar" u "San Tumas".

4.4 L-ETC jixtiequ jkunu jafu r-rati sabiex jkun jistgħu jagħmlu adverts fil-website tal-Kunsill.

4.5 Is-sur Charles Bonello mill-OPM ikonferma illi l-EUC se jħallsu għax-xogħolijiet madwar ir-raħal. Dan kien imsemmi wkoll fil-laqgħa preċedenti.

4.6 Jeanne Marie Borg [OPM] bagħtet dwar "Early Bird initiative" fejn nies jipparteċipaw taħt skema biex jieħdu ħsieb is-sorveljenza tat-tfal qabel l-iskola. Il-Kunsill se jara min hu interesat u nies jistgħu jiġu sal-Kunsill għal aktar informazzjoni.

## 5. Approvazzjoni tal-Pagamenti

5.1 Il-kunsilliera approvaw u ffirmaw l-iskeda tal-Pagamenti ta' din il-laqgħa, u ta' qabel ukoll. Fl-iskeda ta' qabel, il-ħlas dovut għal GloriaFest kienet fuq karta separata minħabba li ma ġiex approvat minn żewġ kunsilliera.

## 6. Dconsulta

6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi avolja s-sinjura Josianne Debono bdiet ix-xogħol f'Novembru, hi bdiet tagħmel l-accounts tal-Kunsill minn Jannar 2011 s'issa. B'hekk il-kunsilliera qablu illi se nħalsu €1900 li hemm fil-kuntratt [Nov 2011-Ott 2012] u jrid jitħallas ukoll għax-xogħol li kien ikoppri bejn Jannar u Ottubru 2011.

## 7. Pantomima

7.1 Il-kunsillier Eddie Bonello qal illi jemmen illi hu tard wisq biex nibdew naħsbu fuq pantomima issa. Is-Sindku qal li se jipprova jagħmel waħda l-iskola fil-bidu tas-sena. Il-Kunsill kien irċieva stima ta' €1200 minn Bronk Productions, iżda se jfittex kumpanija oħra bi prezz irħas. Il-Viċi Sindku Publius Abdilla ssuġerixxa li nikkomunikaw ma Kanta Napoli.

**8. Bollards**

8.1 Il-kunsillier Eddie Bonello ppropona li noħorġu sejħa għall-applikazzjonijiet biex xi ħadd ipoġġi l-bollards qabel u wara l-ħin tal-dħul u ħruġ tal-iskola. Jekk ma jsirux bollards ippropona li dan il-persuna jieħu ħsieb li t-tfal ikunu siguri. Is-Sindku ppropona persuna u se naraw miegħu jekk jixtieq jagħmel dan ix-xogħol.

8.2 Il-kunsillier Jerome Busuttil qal illi xorta jemmen illi l-pulizija għandhom jieħdu r-responsabilita fejn tidħol is-sigurta fit-toroq. Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku Publius Abdilla fakkar illi l-ispettur qal illi fejn jidħlu bollards ma jidħolx hu, waqt li fl-istess ħin l-ispettur irimarka li għandu nuqqas ta' pulizija.

**9. Laqgħat ma' tal-Walking Bus u JGC**

9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi flimkien mal-Viċi Sindku u s-sinjorina Lara Gerada, daru mar-raħal biex jagħżlu fejn se jitpoġġu t-tabelli għall-iskema tal-Walking Bus. Dawn it-tabelli għandhom jaslu fil-ġranet li ġejjin.

9.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi ġie rappreżentant tal-JGC fejn offrew is-servizzi tagħhom għat-titjib tal-PlayingFields. Dan ġie avżat illi qabel ma nirċievu risposta dwar Memo 66/2011 mhux se noħorġu tenders għax-xogħol.

**10. Ħwejjeġ oħra**

10.1 Is-Sindku qal illi nhar il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru, waqt li kienu qegħdin itelaw arblu fit-triq il-ġdid, kien hemm inċident fejn l-arblu waqa' fuq il-'high up' li kien qed jintuża ta' ħaddiem li kien qiegħed jgħin fix-xogħol. Għalhekk ipropona li l-Kunsill iħallas għal-ħsara. Il-kunsilliera approvaw. Is-Sindku qal li għandu rapport mill-pulizija, waqt li hu kien preżenti hemm meta sar l-inċident.

10.2 Is-Sindku qal illi għandna nagħtu invoice biex nieħdu l-flus tal-kiri tas-Sala tagħna għall-kors tal-

bdiewa li sar bejn Ottubru w Diċembru. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi skont il-bye law tal-Kunsill, nistgħu nitolbu sa €58 fis-siegħa għal kiri tas-Sala. Is-sala ġiet użat għaxar darbiet għal erba' sigħat kull darba. Il-Kunsill aċċetta illi nieħdu €1000 b'kollox (€100 għal kull lezzjoni).

10.3 Il-Viċi Sindku Publius Abdilla talab lis-Sindku biex il-pompa li hemm f'Misraħ San Ġużepp jiġi iranġat.

10.4 Il-kowċ Omar Schembri ġabar €72 min-Nursery għal Malta Community Chest Fund. Il-kunsilliera jixtiequ jkontribwew u jagħtu €128 biex ikun hemm total ta' €200 iżda qabel ma jsir dan il-ħlas id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jara mad-Dipartiment jekk l-Att jagħti opportunita għal dan it-tip ta' ħlas, peress li donazzjonijiet mhumiex aċċetabbli skont l-Att tal-Kunsilli.

10.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi, għal issa, il-kowċ Omar Schembri m'għandux bżonn l-equipment li ġew aċċettatti mill-kunsilliera ftit ta' seduti ilu. Meta jkollu bżonn dawn l-affarijiet, għandu l- permess biex jixtrihom.

10.6 Id-Deputat Segretarju u s-Sindku qalu illi s-sur Paul Polidano [is-sid tal-garaxx li l-Kunsill jikri] qal illi hemm kontijiet tad-dawl u ilma pendenti [peress illi għadhom jajtu lis-sid], u jixtieq jara jekk il-Kunsill jista jħallas. Il-Kunsill se jħallas dan il-kont iżda nridu ikollna ittra bil-miktub li tgħid li s-sur Polidano għandu jnaqqas dan l-amont mill-kont tal-kera tagħna fil-futur.

10.7 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-fuljett kif inhi. Qal li baqa l-aħħar ftit xogħol qabel ma jiġi ppublikat. Dan ġie eżaminat mill-kunsilliera u ġie aċċettat. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv se jordnahom fil-ġranet li ġejjin.

10.8 Il-kunsilliera ddiskuttew il-ħsieb li jkun hemm ikla tal-Milied għall-kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill. Se jiġi diskuss liema ġurnata se jsir.

10.9 Il-kunsillier Eddie Bonello qal li ġo triq Rqajja hemm xi klieb li jagħmlu straġi biż-żibel li jkun hemm. In-nies ilhom jilmentaw. Il-Kunsill se jara x'jista jsir. Fuq l-istess post qal illi hemm siġra mdendla li huma ta' periklu.

10.10 Il-kunsillier Eddie Bonello reġa qajjem is-suġġett dwar it-talba biex intellgħu filata ġo triq San Ġwann. Il-Viċi Sindku qal illi flimkien mal-kunsillier Jimmy Busuttil mar fuq il-post u ra illi diġa

għolew il-ħajt b'żewġ filatti u ma jaqbilx illi jgħolli iżjed għax ikun perikuluz. Ippropona illi nneħħu kollox u nagħmluh bit-tajn. Il-kunsillier Francis Callus saqsa jekk aħna se nħallsu għal dan ix-xogħol, waqt li s-Sindku qal li se jkun hemm fondi għalih.

**11 Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa intemmet fit 20:15.

Approvati llum 22/12/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv